**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-2 ta' Diċembru 2008 — Sylvia Bienek vs Condor Flugdienst GmbH**

**(Kawża C-525/08)**

(2009/C 55/11)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sylvia Bienek

*Konvenuta:* Condor Flugdienst GmbH

**Domandi preliminari**

1) Il-bidla fir-reżervazzjoni għal titjira oħra hija sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew demien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ([1])?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal bidla fir-reżervazzjoni meta din il-bidla ma tkunx ikkawżata mit-trasportatur tal-ajru iżda esklużivament mill-organizzatur tal-vjaġġ?

([1]) ĠU L 46, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda) fl-4 ta' Diċembru 2008 — X Holding BV vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-538/08)**

(2009/C 55/12)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* X Holding BV.

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën.

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 11(4) tat-Tieni Direttiva ([1]) u l-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva ([2]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru, li xtaq jeżerċita l-fakultà offruta minn dawn l-artikoli li jeskludi (u jibqa' jeskludi) mit-tnaqqis il-kategoriji ta' spejjeż li jirrispondu għall-espressjoni "jiġi offrut mezz ta' transport individwali", ikun issodisfa l-kundizzjoni meħtieġa li jistabbilixxi kategorija ta' beni u servizzi suffiċjentement iddefiniti?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija affermattiva, l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 17(2) u (6) tas-Sitt Direttiva jippermettu li dispożizzjoni legali nazzjonali bħal dik inkwistjoni, adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, tipprovdi li persuna taxxabbli ma tistax tnaqqas il-VAT kollha mħallsa fil-mument tal-akkwist ta' ċerti beni u servizzi li huma utilizzati parzjalment għal għanijiet professjonali u parzjalment għal għanijiet personali, iżda tista' biss tnaqqasha proporzjonalment mill-VAT imputabbli għall-użu għal għanijiet professjonali?

([1]) Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u metodi ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (ĠU 71, p. 1303).

([2]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Obersten Gerichtshof (l-Awstrija) fl-4 ta' Diċembru 2008 — Fokus Invest AG vs Finanzierungsberatung-Immobilientreuhand und Anlageberatung GmbH (FIAG)**

**(Kawża C-541/08)**

(2009/C 55/13)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Obersten Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fokus Invest AG

*Konvenuta:* Finanzierungsberatung-Immobilientreuhand und Anlageberatung GmbH (FIAG)